

# 1. Avviż ta' Informazzjoni għall-Pazjenti dwar it-Trasferiment Transkonfinali tad-*Data* Personali dwar is-Saħħa

## ĊIPRU

*L-informazzjoni li ġejja hija pprovduta biex tissodisfa r-rekwiżit tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data tal-UE biex iċ-ċittadini jiġu infurmati dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom.*

### 1. X'inhom l-Infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa-e?

L-infrastruttura ta' Servizzi Diġitali tas-Saħħa-e (eHDSI) hija sistema li tipprovidi liċ-ċittadini Ewropej mod sikur u faċli biex jitransferixxu d-*data* medika tagħhom b'mod transkonfinali b'mezzi elettroniċi jekk ikollhom bżonn trattament barra minn pajjiżhom. Id-*data* elektronika hija pprovduta lill-professjonisti tas-saħħa f'pajjiżi madwar l-Unjoni Ewropea (UE) 1 fejn iċ-ċittadin qed jiġi ttrattat. Id-*data* personali tiegħek tiġi trasferita u maħżuna f'konformità mal-liġi tal-pajjiż fejn jingħata t-trattament.

### 2. Il-kategoriji kkonċernati tad-*data* personali dwar is-saħħa tiegħek

Is-Sommarju tal-Pazjent huwa sett bażiku ta' *data* medika li jiġi trasferit għall-fini li jingħata trattament f'pajjiż ieħor. Ikun fih *data* importanti dwar il-pazjent bħal pereżempju allerġiji, medikazzjoni attwali, mard u operazzjonijiet kirurġiċi fil-passat, meħtieġa sabiex il-pazjent jingħata kura xierqa barra minn pajjiżu.

L-informazzjoni tiegħek tkun disponibbli biex tiġi inkluża fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek jekk id-*data* personali tkun diġà rreġistrata f'forma elektronika f'Ċipru permezz tal-Isptarijiet Ġenerali ta' Nikosija u ta' Famagusta.

### 3. X'inhom l-bażi ġuridika għall-użu tad-*data* personali tiegħek?

Is-servizzi tal-eHDSI se jsiru disponibbli għalik bil-kunsens espliċitu tiegħek biss. Għalkemm f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza l-użu tad-*data* tiegħek għat-trattament tiegħek mingħajr kunsens jista' jkun ġustifikat, jekk ma tagħtix kunsens espliċitu qabel tivvjaġġa, id-*data* tiegħek ma tkunx disponibbli permezz tas-sistema tal-eHDSI meta tkun f'pajjiż ieħor, lanqas f'każ ta' emerġenza. Meta tkun barra minn pajjiżek f'sitwazzjoni ta' kura reali, id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek tiġi rreġistrata fil-pajjiż fejn tingħata t-trattament f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE (GDPR), mal-liġijiet ta' dak il-pajjiż u mal-prattiki tal-istituzzjoni tal-kura tas-saħħa partikolari.

### 4. X'inhom l-iskop tal-ipproċessar tad-*data*?

Id-*data* medika tiegħek se tintuża biss għat-trattament personali tiegħek.

Madankollu, f'xi pajjiżi d-*data* personali tiegħek tista' tintuża wkoll, f'ċerti kundizzjonijiet, għal skopijiet oħra previsti mil-liġi, bħall-monitoraġġ u r-riċerka sabiex titjeb il-kwalità tas-saħħa pubblika. Għal dawn l-iskopijiet sekondarji, il-pajjiżi parteċipanti impenjaw ruħhom li jstabbilixxu salvagwardji tekniċi u organizzattivi xierqa bħall-anonimizzazzjoni tad-*data* personali fejn meħtieġ. F'Ċipru, id-*data* miġbura għall-inklużjoni fis-Sommarju tal-Pazjent tiegħek mhux se tintuża għal skopijiet sekondarji, ħlief għal skopijiet statistiċi wara li tkun ġiet anonimizzata għalkollox. Fuq is-sit web tal-eHDSI, issib l-informazzjoni dwar l-iskopijiet ta' tali pproċessar ulterjuri skont il-liġijiet ta' diversi pajjiżi.

## **5. Din id-*data*, min jipproċessaha u jkollu aċċess għaliha?**

Is-Sommarju tal-Pazjent tiegħek se tkun aċċessibbli biss minn professjonisti tas-saħħa awtorizzati u identifikabbli involuti fit-trattament tiegħek li jkunu marbutin bis-sigriet professjonali fil-pajjiż fejn jingħata t-trattament. Kull pajjiż ta' trattament li jipparteċipa fis-sistema tal-eHDSI impenja ruħu li jiżgura li l-professjonisti tas-saħħa u l-fornituri tal-kura tas-saħħa li jipparteċipaw fit-territorju tagħhom ikollhom informazzjoni u taħriġ adegwati dwar dmirijiethom. Jekk jogħġbok irreferi għas-sit web tal-eHDSI għad-dettalji tal-pajjiżi parteċipanti. Id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiġi trasferita permezz ta' portal sigur ipprovdut mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tas-Saħħa elettronika maħtur minn kull pajjiż.

## **6. Id-*data* personali fejn tinħażen u għal kemm żmien?**

Id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tista' tinħażen fis-sistemi ta' informazzjoni tal-istituzzjonijiet tas-saħħa kemm f'Ċipru u kif ukoll fil-pajjiż fejn jingħata t-trattament. Id-*data* m'għandhiex tinħażen għal aktar milli jkun meħtieġ għall-iskop li għalih id-*data* personali tiegħek tkun ġiet ipproċessata. Fil-każ ta' persuni bid-domiċilju f'Ċipru, il-perjodu tal-ħżin tar-rekords mediċi f'Ċipru bħalissa huwa għat-tul tal-ħajja tal-pazjent u għaxar snin wara dan, filwaqt li fil-każ ta' pazjenti oħra, bħal persuni fuq żjara minn pajjiżi oħra, il-perjodu tal-ħżin huwa ta' għaxar snin. Il-perjodu tal-ħżin f'pajjiżi parteċipanti oħra jista' jvarja. L-informazzjoni dwar il-perjodi tal-ħżin hija disponibbli fuq is-sit web tal-eHDSI.

Perjodi itwal tal-ħżin jistgħu jintużaw biss għall-arkivjar u għar-riċerka xjentifika jew storika fejn ikun hemm salvagwardji partikolari għall-privatezza (bħall-anonimizzazzjoni).

## **7. Id-drittijiet ta' aċċess tiegħek**

Jekk tagħti l-kunsens tiegħek biex id-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek tiġi pproċessata mis-sistema tal-eHDSI, jista' jkollok aċċess għaliha billi tagħmel talba lill-Unità tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa ([ncpeH@moh.gov.cy](mailto:ncpeH@moh.gov.cy)) jew inkella lill-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa elettronika.

Għandek id-dritt:

- a) tirrettifika kwalunkwe *data* mhux preċiża fid-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek, skont l-Artikolu 16 tal-GDPR.
- b) tikseb it-tħassir tad-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek, skont l-Artikolu 17 tal-GDPR.
- c) toġġezzjona għall-ipproċessar tad-*data* tas-Sommarju tal-Pazjent tiegħek għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħek, skont l-Artikolu 21 tal-GDPR.

Għandek id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin.

Jekk ma tagħtix il-kunsens tiegħek biex id-*data* personali tiegħek tiġi pproċessata mis-sistema eHDSI, id-*data* tiegħek ma tkunx disponibbli għalik permezz ta' din is-sistema meta tkun f'pajjiż ieħor, lanqas f'każ ta' emerġenza.

Fl-aħħar, għandek id-dritt li tressaq ilment lil awtorità superviżorja f'Ċipru jew inkella fil-pajjiż fejn jingħata t-trattament, skont xi jkun il-ċirkostanzi fattwali.

**Dettalji ta' kuntatt**

**Il-kontrollur tad-*data***

**Andreas Christodoulou**

**UPD tal-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa elettronika**

**1 Prodromou & Chilonos Street 17**

**1448 Nikosija, Ċipru**

**Ċentru ta' Kuntatt: +357 22 605300/301**

**Dettalji ta' kuntatt**

**Il-proċessur tad-*data***

**Irene Georgiou**

**UPD tal-Ministeru għas-Saħħa**

**1 Prodromou & Chilonos Street 17**

**1448 Nikosija, Ċipru**

**Ċentru ta' Kuntatt: +357 22 605300/301**

**Indirizz Elettroniku: [ncpeH@moh.gov.cy](mailto:ncpeH@moh.gov.cy)**

**Indirizz**

**web:**

**[https://www.moh.gov.cy/moh/cbh/cbh.nsf/index\\_gr/index\\_gr?OpenDocument](https://www.moh.gov.cy/moh/cbh/cbh.nsf/index_gr/index_gr?OpenDocument)**

**Dettalji ta' kuntatt**

**Awtorità superviżorja f'Ċipru**

**1, Iasonos str.**

**1082 Nikosija**

**P.O.Box 23378, 1682 Nikosija**

**Telefon: +357 22818456**

**Faks: +357 22304565**

**Indirizz Elettroniku: [commissioner@dataprotection.gov.cy](mailto:commissioner@dataprotection.gov.cy)**

## 2. Kunsens tal-Pazjent (MT)

Dan id-dokument jipprovi informazzjoni dwar l-iskop tal-kura tas-saħħa transkonfinali kif ukoll dikjarazzjoni ta' kunsens għall-ħżin, l-użu u l-iskambju ta' *data* medika u personali individwali fil-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Ċipru [NCP]). Iż-żewġ servizzi huma bl-Ingliż.

**Introduzzjoni:** L-awtorità Nazzjonali tas-Saħħa elettronika u l-Ministeru tas-Saħħa tar-Repubblika ta' Ċipru huma membri tan-Netwerk Ewropew tas-Saħħa elettronika [eHN]. Il-kura tas-saħħa transkonfinali hija direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Biex jimplimentawha, xi wħud mill-Istati Membri ddeċidew li joħolqu pjattaforma konġunta online bejniethom, bl-għan li jiskambjaw informazzjoni komuni maqbula minn individwi, fil-forma ta':

- **Sommarju tal-Pazjent [PS]**
- **Riċetta Elettronika [eP]**

**Proċedura:** il-pjattaforma konġunta se tiġi żviluppata min-Netwerk Ewropew tas-Saħħa elettronika. Kull pajjiż membru żviluppa l-“Punt ta' Kuntatt Nazzjonali Elettroniku (ENCP)” tiegħu stess. Dan huwa interkonness mal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali korrispondenti f'pajjiżi Ewropej oħra. Permezz tagħhom, se jintbagħtu u jiġu riċevuti rekord tas-saħħa qasir u riċetta elettronika biss għal persuni li jeħtieġu kura tas-saħħa urġenti f'pajjiż ieħor tal-UE. L-interkonnessjoni se ssejtni biss bil-kunsens tal-individwu.

**Benefiċċji:** Il-parteċipant se jingħata kura tas-saħħa transkonfinali ta' kwalità għolja kif ġej:

- Tipprovi aċċess sigur għad-*data* tiegħek meta jkun hemm bżonn ta' kura tas-saħħa transkonfinali (minbarra Ċipru),
- Tnaqqas l-inkidenza ta' żbalji mediċi billi tipprovi aċċess rapidu u sigur għall-informazzjoni dwar is-saħħa tal-pazjent fi kwalunkwe post,
- Tipprovi informazzjoni importanti lill-persunal mediku fl-emerġenzi, tnaqqas ir-repetizzjoni tal-proċeduri dijanjostiċi u tnaqqas il-ħin prezzjuż,
- Identifikazzjoni sigura kemm tal-individwi kif ukoll tal-fornituri tal-kura tas-saħħa.

**Protezzjoni tad-*Data* Personali:** Il-punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Ċipru jikkoordina u huwa ġestit mill-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa elettronika, il-Ministeru tas-Saħħa, flimkien mal-Università ta' Ċipru. Il-“Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Ċipru” jinsab f'Ċipru u d-*data* maħżuna hija f'forma kriptata. Il-persunal awtorizzat biss għandu aċċess għad-*data*. L-iskambju tad-*data* fi ħdan il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali tal-pajjiżi tal-UE jinkiseb permezz ta' network sigur (TESTA).

**Kunfidenzjalità:** Id-*data* mhux se tkun disponibbli għal partijiet terzi (pereżempju, kumpaniji tal-assigurazzjoni). L-ipproċessar statistiku tad-*data* tal-parteċipanti huwa anonimu u l-identifikazzjoni tal-individwu hija impossibbli.

**Parteċipazzjoni:** Volontarja u tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe ħin, mingħajr il-ħtieġa li tingħata raġuni. **Nuqqas ta' parteċipazzjoni:** Għall-fini tal-kura tas-saħħa

transkonfinali, mhux se jkun jista' jkollok rekord tas-saħħa elettronika jew riċetta f'forma elettronika. **Dritt li tirtira l-kunsens:** Għid lit-tabib tiegħek jew inkella lill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali tal-Kura tas-Saħħa Transkonfinali (ara hawn taħt). Dan iwassal biex id-*data* tiegħek ma tibqax tinħażen, u titħassar mill-bażi tad-*data* jekk jintalab.

**Informazzjoni:** Il-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali dwar is-Saħħa elettronika ta' Ċipru (hawn taħt).

**Ilmenti:** Għandek id-dritt tissottomettihom lill-organizzazzjoni li ġejja:

**L-Awtorità Nazzjonali tas-Saħħa elettronika**

**1 Prodromou & Chilonos Street 17**

**1448 Nikosija, Ċipru**

**Ċentru ta' Kuntatt: +357 22 605 300/301**

**jew**

**Il-Ministeru tas-Saħħa**

**1 Prodromou & Chilonos Street 17**

**1448 Nikosija, Ċipru**

**Ċentru ta' Kuntatt: +357 22 605 300/301**

**Indirizz Elettroniku: [ncpeH@moh.gov.cy](mailto:ncpeH@moh.gov.cy)**

**Indirizz web: <https://www.moh.gov.cy/>**

**Grazzi!**

### 3. Kunsens tal-Pazjent (MT)

Qrajt u fhimt dan ta' hawn fuq, rigward il-bażi tad-*data* tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Ċipru u l-proċedura segwita, il-benefiċċji, il-protezzjoni tad-*data* personali tiegħi, il-kunfidenzjalità, id-dritt li nipparteċipa jew li ma nipparteċipax jew li nirtira l-kunsens tiegħi.

Għalhekk, naqbel li d-*data* medika u personali tiegħi għandha tkun disponibbli għall-kura tas-saħħa transkonfinali fil-“Punt ta' Kuntatt Nazzjonali ta' Ċipru” sakemm nagħmel dikjarazzjoni biex nirtira l-kunsens tiegħi. Nagħti l-kunsens ukoll għall-ipproċessar u l-ħżin tad-*data* tiegħi sakemm niddeċiedi mod ieħor.

Adult li japplika għall-kura tas-saħħa transkonfinali:

(meta tittajpja kunjomok u ismek jitqies li huwa l-kunsens tiegħek)

Kunjom	.....	Isem	.....
Firma		Data	.....

Persuna taħt l-età teħtieġ il-kunsens ta' wieħed mill-ġenituri jew tagħhom it-tnejn

(meta tittajpja kunjomok u ismek jitqies li huwa l-kunsens tiegħek)

Kunjom Ġenitur (Missier)	il- .....	Isem Ġenitur (Missier)	il- .....
Firma		Data	.....

Kunjom Ġenitur (Omm)	il- .....	Isem Ġenitur (Omm)	il- .....
Firma		Data	.....